**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard )**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni 138/2019**

**Illum 11 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 400797 (M) billi huwa akkuzat talli bejn 2017 u April 2018 gewwa l-gzejjer Maltin:

1. Permezz ta' network jew appart ta telekomunikazzjoni elettronika, hedded li jghamel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann jew bil-hsieb li igieghel lil Omissis taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li akkuza jew li ghmel ilment kontra xi hadd jew biex immalafama lil Scicluna Marco jew xi persuna ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

2. Ikkawza dwejjaq, hsara emozzjonali jew hsara ta' kull xorta, zvela xi ritratti jew film sesswali privat minghajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrapprezentati f'dak ir-ritratt jew film.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.
Saru Is-Sottomissjonijiet fl-Awla fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Lulju 2019 *(a.fol. 39 et. Seq.)*

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu hames (5) xhieda kif gej;

Spettur Roderick Attard (*a fol* 13 et. seq.); PS 1226 Silvan Pulis (*a fol* 17 et. seq.); Omissis (*a fol* 21 et. seq.); Omissis (*a fol* 29 et. seq.); Spettur Roderick Attard (*a fol* 35 et. seq.).

**Kunsiderazzjonijiet Legali Generali**

Kif din il-Qorti kellha opportunita li tosserva f'diversi pronuncjamenti taghha, huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**,[1] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni **hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju**. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu

[1] Deciza fil-5 ta' Dicembru 1997

bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension:** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*[2]

**L-inamissibilita tad-dikjarazzjonijiet moghtija mill-imputat**

Qabel xejn jehtieg li tigi ndirizzata mill-Qorti d-dikjarazzjoni moghtija mill-imputat lis-surgent meta baghtu ghalih l-ghassa dwar il-kaz hix inammissibbli bhala prova fid-dawl tal-fatt li l-imputat ma kienx assistit minn Avukat tal-fiducja tieghu **waqt l-ghoti tad-dikjarazzjoni** u allura dan illeda d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

[2] 1974 - ALL Er 372

Mill-atti jirrizulta li l-imputat Omissis kien tkellem mas-Surgent 1226 Silvan Pulis fid-19 ta' Gunju 2019 u Omissis kien tkellem mal-istess Surgent fit-23 ta' Gunju 2018.

**Madankollu, l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l- interrogatorju tiegħu.**

Dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016 u ghalhekk kellu jinghata dan id-dritt waqt id-dikjarazzjoni li kien se jagti lill-pulizija.

Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali e**t. Ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih. Dan in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l- interrogatorji *tiegħu:*

> *"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed*

*in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal- rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."*

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali.

Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal- imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l- appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l- interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> *"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma*

*Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill- istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

L-istess linja ta' hsieb ghandha ghalhekk tapplika fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti. Fic-cirkostanzi d-dikjarazzjoni tal-imputat odjern ghandha titqies bhala leziva tad-drittijiet tieghu u ghalhekk inammissibbli u dan anke fid-dawl tas-sentenzi u pronuncjament supra citati. **Ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta d-dikjarazzjoni tal-imputat odjern kontenenti fl-affidavit tas-Surgent 1226 Silvan Pulis, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali dikjarazzjoni li saret fix-xhieda fl-atti processwali bħala kompletament inammissibbli.**

**RI-ASSUNT TAX-XHIEDA**

Ix-xhud **PS 1226 Silvan Pulis**[3] spjega li:

*Nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) jien kont xogħol l-għassa taż-Żejtun u għall-ħabta tal-erbgħa neqsin għaxra (~ 3.50) irrappurtat ċertu Omissis fejn Omissis darba minnhom dan kien qallha, "Jien mhux tan-nejk bħalek, joqgħodu jiġu juruni ritratti tiegħek marbuta ma' sodda." Omissis kienet spjegat li*

[3] Seduta tas-17 ta' Gunju 2019

*kienet taf b'dawn ir-ritratti u kienet taf li qegħdin fuq il-mobile ta' ċertu Omissis. Għalhekk hija kienet staqsiet lil Omissis jekk kienx xerred dawn ir-ritratti fejn Omissis kien qallha li huwa kien ħareġ ma' ċertu Omissis u Omissis kien ħadlu l-mobile u bagħat dawn ir-ritratti lilu nnifsu.*

*Nhar it-tlettax (13) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018 Omissis kien kellem lil Omissis – din qed tispjegali Omissis x'ġara – fejn qalet li Omissis kien kellimha fuq Messenger u kien qallha li r-ritratti kien bagħthomlu Omissis, u li dak il-ħin stess huwa kien bagħthom lil Omissis. Omissis qalet li kien hemm żewġ ritratti, wieħed tagħha qiegħda b'underwear u qiegħda marbuta fuq sodda u ritratt ieħor parti sesswali ta' raġel fuq wiċċha.*

*Jiena mbagħad kont ikkuntattjajt lil Omissis fejn dan kien ġie l-għassa nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) għal ħabta tas-sitta neqsin ħamsa (~ 5.55). Huwa qalli li kien f'relazzjoni ma' Omissis u din ir-relazzjoni kienet spiċċat fi Frar elfejn u tmintax (2018). Meta ġie mistoqsi fuq dawn ir-ritratti huwa qal li f'Awwissu tal-elfejn u sbatax (2017) kien qiegħed ma' Omissis u kienu qed jixorbu u kienu fis-sakra. U meta staqsejtu fuq dawn ir-ritratti min kien bagħthom qalli ma jiftakarx min kien bagħthom dawn ir-ritratti. Jiena għalhekk staqsejt lil Omissis biex jiċċekkja fuq il-Messenger tiegħu u dan kien beda jiċċekkja u sab ir-ritratti li ntbagħtu mill-Messenger tiegħu għal ta' Omissis u dawn kienu ntbagħtu eżatt nhar is-sittax (16) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) u l-ħin kien sbatax u sitta u ħamsin minuta*

*(17:56). Imbagħad staqsejtu wkoll rigward ir-ritratt l-ieħor fejn huwa qalli li ma kienx jaf bih.*

*Kont kellimt ukoll nhar l-għoxrin (20) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) għal ħabta tad-disgħa u nofs (~ 9.30) lil Omissis fejn dan ġie infurmat bir-rapport u qal li r-ritratti qatt ma kienu ntbagħtu lilu, però kien jaf bihom. U meta staqsejtu min kien urihomlu qal li kien urihomlu ċertu Omissis madwar sena ilu. Nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) għal ħabta tas-sagħtejn neqsin għoxrin (~ 1.40) jiena kont tkellimt ma' Omissis. Meta ġie infurmat b'dan ir-rapport qal li huwa kien qiegħed Baccos u Omissis beda jissuspetta li l-ex tfajla tiegħu Omissis bdiet toħroġ ma' Omissis. Għalhekk kien bagħat lil Omissis u Omissis kien bagħtu ż-żewġ ritratti ta' Omissis fejn qal li wieħed minnhom kien hemm Omissis marbuta fuq is-sodda u l-ieħor qed juri l-parti tiegħu fuq wiċċ Omissis . Omissis kien spjegali li dawn ir-ritratti kienu ntbagħtu permezz ta' Messenger. Jiena kont staqsejtu jekk kienx wera dawn ir-ritratti lil xi ħadd ieħor fejn Omissis kien qalli li huwa kien wera dawn ir-ritratti lil Omissis sabiex jemmnu li Omissis kien qed joħroġ ma' Omissis . Staqsejt lil Omissis jekk kienx bagħthomlu wkoll lil Omissis hu fejn huwa qalli li lil Omissis ma kienx qed ikellmu. Għalhekk jien erġajt staqsejtu rigward ta' meta kont rajt ir-ritratti fuq il-mobile ta' Omissis jiġifieri nhar is-sittax (16) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) bil-ħin ikun sbatax u sitta u ħamsin minuta ta' waranofsinhar (17:56 p.m.) fejn huwa reġa' wieġeb li ma baqax*

*ikellmu. Però jien kont rajt il-Messenger fejn irriżulta li kien hemm dan il-ħin li kienu ntbagħtu dawn ir-ritratti.*

Mix-xhieda tas-Surgent **PS 1226 Silvan Pulis** johrog li kien hemm ritratt wiehed li ra:

*Ix-xhud:*
*Wieħed, wieħed.*
*Il-Qorti:*
*Liema hu l-wieħed?*
*Ix-xhud:*
*Dak li qiegħda Omissis marbuta fuq is-sodda.*
*Dr Christian Camilleri:*
*Li ma tingħarafx għax rasha mhix qiegħda hemm,*
*Ix-xhud:*
*Li qiegħda wiċċha 'l isfel.*

Dwar *IP address* tal-messaggi li kien ra s-Surgent wiegeb:

*Dr Christian Camilleri:*
*Mela, tikkonfermalna l-IP address tar-ritratti minn fejn intbagħtu għal fejn? U jekk hux taż-żewġ ritratti jew ta' ritratt wieħed? Jiena fir-rigward l-imputat Omissis.*
*Ix-xhud:*
*Le, IP address m'għandix.*

Ix-xhud **Omissis**[4] dwar ir-ritratti spjegat:

[4] Seduta tas-17 ta' Gunju 2019

*Ix-xhud:*

*Kont noħroġ miegħu u kellu dawn ir-ritratti u jiena ħassarthomlu, mingħalija li qatt ma ntbagħtu,*

*Spettur Roderick Attard:*

*Meta tgħid, "dawn ir-ritratti," għal liema ritratti qed tirreferi?*

*Ix-xhud:*

*Tnejn.*

*Spettur Roderick Attard:*

*U x'jidher f'dawn ir-ritratti?*

*Ix-xhud:*

*Wieħed qiegħda fuq is-sodda u l-ieħor qiegħda ma' Omissis.*

Ix-xhud qalet:

*U jien mingħalija li tħassru dawn ir-ritratti. Imbagħad wara ċertu żmien kelli xi ngħid ma' missier it-tifla Omissis u semmihomli r-ritratti, qalli li kienu għandu, u meta staqsejt lil Omissis qalli għax Omissis ħadli l-mobile u bagħthom lilu nnifsu. Jiena bqajt b'hekk. Imbagħad meta ma bqajniex flimkien, jiena rajt lil Omissis u Omissis qalli, "dak hu bagħthomli." U kien kellimni Facebook ukoll u qalli li hu bagħthomlu.*

*[...]*

*Spettur Roderick Attard:*

*Mela, Sinjura Omissis , għandek tlett folji f'idejk. Tispjega daqsxejn lill-Qorti x'inhuma dawk?*

*Ix-xhud:*

*Waħda, Omissis  beda jgħid lili m'għamilli xejn u jiena għidtlu "mhux inti bgħatthomlu lill-Bomber?" li jiġi Omissis. U qalli "dakinhar stess Omissis bagħthomlna." Għidtlu, "imma inti bgħatthomlu." Qalli, "Mela dak il-ħin. Imma ma ra xejn ħażin Omissis għax għidnielu dak il-ħin li ħa nibagħtuhom."*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri inti x'ħa tippreżenta? Għidilha spettur.*

*Spettur Roderick Attard:*

*Mela, dawk x'inhuma dawk id-dokumenti?*

*Ix-xhud:*

*Konverażazzjoni bejni u bejn Omissis .*

*Spettur Roderick Attard:*

*Minn fuq liema application?*

*Ix-xhud:*

*Minn fuq Facebook.*

Ix-xhud ma ndikatx data ta' meta sehh il-kaz li lmentat dwaru "*xi darba fl-2017*", "*Ifhem ir-ritratti ntbagħtu lejn Ġunju.*"

Il-*parte civile* fix-xhieda taghha ma esebietx ir-ritratti li hemm l-ilment dwarhom fejn mistoqsija mill-Qorti dwarhom wiegbet li m'ghandiex:

*Il-Qorti:*

*Mhux tiddiskutu. Ir-ritratti li għandna l-kawża fuqhom, fejn huma?*

*Ix-xhud:*

*M'għandix għax jiena ma kellix, ifhimni.*

Dwar x'tip ta' ritratti hija spjegat:

> <u>*Spettur Roderick Attard:*</u>
> *Tajjeb. U dawn ir-ritratti, jekk insaqsik ta' liema natura huma,*
> <u>*Ix-xhud:*</u>
> *Sesswali hu.*

Ix-xhud *Omissis*[5] spjega li hu ma jafx lil Omissis u ghalhekk "*jiena din tar-ritratt ma nistax nghid li din Omissis ghax wiccha ma jidhirx*", "*lanqas qatt ma rajtha ahseb u ara kemm naghrafha*", "*kieku qaluli dik ic-certa persuna, dik ic-certa persuna kont nghid jien*". Dwar meta kien ra r-ritratti jghid li "*Tliet (3) snin ilu*" u data ma jafx. Mistoqsi x'kien fih ir-ritratt wiegeb *"Qeghda gharwiena hux. U qed nghidlek ilu tliet (3) snin dan li gara u lanqas nista' nghidlek jekk rajthomx sew jew le"*, *"Wiccha lanqas jidher"*.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR *REVENGE PORN***

Diversi pajjizi hassew il-htiega li jdahhlu dan ir-reat fil-Kodicijiet Penali taghhom minhabba sitwazzjonijiet li bdew jirrizultaw fejn

[5] Seduta tat-3 ta' Lulju 2019

kien hemm drabi anke persuni tilfu hajjithom wara li spiccaw vittmi tat-tixrid ta' ritratti jew filmati taghhom fuq il-mexxi socjali[6].

Fl-Itlaja l-legislazzjoni dwar r-revenge porn[7] dahlet fis-sehh ricentament permezz tal-artikolu 612 fil-Codice Penale:

---

[6] *Lo scorso 2 aprile, con 461 voti a favore e nessun contrario, la Camera dei Deputati ha approvato l'emendamento sul cd. revenge porn, nell'ambito dell'esame del disegno di legge recante "Modifiche al codice penale, al codice di procedura penale e altre disposizioni in materia di tutela delle vittime di violenza domestica e di genere (C. 1455-A e abb.)".*

*Tale proposta di legge, ribattezzata "Codice Rosso", ha il dichiarato scopo di combattere la violenza di genere, attraverso l'inasprimento delle pene attualmente previste per una serie di reati considerati particolarmente riprovevoli (tra i vari, i delitti di violenza sessuale, atti persecutori e maltrattamenti in famiglia) e l'introduzione nel corpo del codice penale di nuove fattispecie di reato, tra le quali spicca*

*La novella fattispecie criminosa nasce dall'esigenza di tutelare un sempre maggior numero di casi di diffusione di materiale riguardante situazioni di estrema intimità sul web, senza che sia prestato il consenso del protagonista dell'immagine o del video. Questo fenomeno è stato denominato revenge porn e, negli ultimi anni, è risultato essere in forte crescita, fino ad essere percepito anche in Italia come una problematica di grave allarme sociale, in particolar modo a seguito di alcune vicende di cronaca che verranno esposte nel prosieguo della trattazione.*

[7] *L'art. 612tal-Kodici Penali Taljan "Diffusione illecita di immagini o video sessualmente espliciti" jipprovdi:*

> *"1. Salvo che il fatto costituisca più grave reato, chiunque, dopo averli realizzati o sottratti, invia, consegna, cede, pubblica o diffonde immagini o video a contenuto sessualmente esplicito, destinati a rimanere privati, senza il consenso delle persone rappresentate, è punito con la reclusione da uno a sei anni e la multa da 5.000 a 15.000 euro.*
>
> *2. La stessa pena si applica a chi, avendo ricevuto o comunque acquisito le immagini o il video li invia, consegna, cede, pubblica o diffonde senza il consenso delle persone rappresentate al fine di recare loro nocumento.*
>
> *3. La pena è aumentata se i fatti sono commessi dal coniuge, anche separato o divorziato, o da persona che è o è stata legata da relazione affettiva alla persona offesa ovvero se i fatti sono commessi attraverso strumenti informatici o telematici.*
>
> *4. La pena è aumentata da un terzo alla metà se i fatti sono commessi in danno di persona in condizione di inferiorità fisica o psichica o in danno di una donna in stato di gravidanza.*
>
> *5. Il delitto è punito a querela della persona offesa. Il termine per la proposizione della querela è di sei mesi. La remissione della querela può essere soltanto processuale. Si procede tuttavia d'ufficio nei casi di cui al quarto comma, nonché quando il fatto è connesso con altro delitto per il quale si deve procedere d'ufficio."*

*Al fenomeno in discorso, in Italia è tristemente legata la recente storia di Tiziana Cantone, una giovane donna di circa 30 anni originaria del napoletano, morta suicida il 13 settembre 2016. La donna era stata vittima di revenge porn, a seguito della diffusione – poi divenuta incontrollata – di alcuni filmati hard che la riguardavano e, successivamente, non aveva retto la pubblica derisione che ne era scaturita. Nel dettaglio, la vicenda ha origine da alcuni giochi sessuali cui Tiziana si era prestata per amore del suo convivente Sergio. Quest'ultimo – è tutt'ora controverso se vi fosse o meno il consenso di lei – aveva inviato i video porno via whats appad alcuni amici (successivamente querelati dalla Cantone ed indicati come i responsabili della diffusione indiscriminata dei video) che, a loro volta, li avevano inoltrati ad altre persone. Nello stesso modo in cui si propaga un'epidemia, i filmati erano quindi approdati in breve tempo nei cellulari di mezza Italia e venivano divulgati nelle sconfinate praterie di Internet. In conseguenza di ciò, Tiziana, che non riuscì a reggere l'umiliazione ed il senso di vergogna, psicologicamente e moralmente distrutta, si tolse la vita.*

*Un'ulteriore caso che, con tutta probabilità, ha accelerato l'iter per l'approvazione dell'art. 612-ter c.p., ha riguardato la deputata del Movimento 5 Stelle Giulia Sarti. La giovane parlamentare è stata infatti recentemente bersaglio di un attacco hacker con contestuale divulgazione in Internet di alcune vecchie immagini che la ritraevano in contesti estremamente intimi. Tutta la politica italiana ha espresso la*

*propria solidarietà ed il proprio appoggio alla Sarti, affinché simili vigliaccherie non restino più impunite.*

Fl-Ingilterra inhass il-bzonn wara li *"following concerns raised by campaigners and Parliamentarians about behaviour known as "Revenge Pornography", the Government created a new criminal offence to ensure that this behaviour is fully captured by the criminal law. Revenge pornography is a broad term usually involving an individual, often an adult ex-partner, uploading onto the internet intimate sexual images of the victim, to cause the victim humiliation or embarrassment."*[8]

Il-**Crown Prosecution Service**[9] jaghti din il-linja gwida dwar kif ghandhom ikunu trattati kazijiet ta' *revenge porn:*

> *The new offence, including defences, is at section 33 of the Criminal Justice and Courts Act 2015. The offence is triable either way and punishable with a maximum sentence of 2 years' imprisonment.*
>
> *Section 33 of the Criminal Justice and Courts Act 2015 creates an offence of disclosing private sexual photographs or films without the consent of an individual who appears in them and with intent to cause that individual distress.*
>
> *In the circumstances where material is posted on a website hosted abroad, the court would need to be satisfied that it was in substance*

[8] Cps.gov.uk

[9] The Crown Prosecution Service (CPS) prosecutes criminal cases that have been investigated by the police and other investigative organisations in England and Wales.

*an offence committed within the jurisdiction. For example, if the perpetrator was physically located in England or Wales it would be possible for the offence to be committed. In R v Smith (Wallace Duncan) (No.4) [2004] EWCA Crim 631 [2004] QB 1418 the Court held that an English court has jurisdiction to try a substantive offence if "substantial activities constituting [the] crime take place in England"; or "a substantial part of the crime was committed here". This approach "requires the crime to have a substantial connection with this jurisdiction". It should be noted that there is no single verbal formula that must be applied: it is a question of substance, not form.*

*A person will only be guilty of the offence if the reason for disclosing the photograph, or one of reasons, is to cause distress to a person depicted in the photograph or film. On the same basis, anyone who re-tweets or forwards without consent, a private sexual photograph or film would only be committing an offence if the purpose, or one of the purposes was to cause distress to the individual depicted in the photograph or film who had not consented to the disclosure. For example, anyone who sends the message only because he or she thought it was funny would not be committing the offence.*

***Defences***

*Various defences will be available, as follows:*

1. *Section 33(2): It is not an offence to disclose the photograph or film to the individual who appears in the photograph or film (mentioned in Section 33(1) (a) and (b)).*

2. *Section 33(3): It is a defence if the defendant reasonably believed that the disclosure was necessary for the investigation, prevention or detection of crime.*
3. *Section 33(4): It is a defence where a person discloses material in the course of or with a view to the publication of journalistic material so long as the person concerned reasonably believed that the publication in question was or would be in the public interest.*
4. *It is recognised that occasionally there would be circumstances where such pictures will evidence a story of genuine public interest. The defence therefore ensures that the freedom of the press to publish such stories is not fettered.*
5. *In relation to the defence relating to disclosures for journalistic activity, a defence will be established where it can be shown that the photograph or film was disclosed in the course of or with a view to the publication of journalistic material (for example by the journalist or by a journalist's source). If that is the case, the journalist must also show that he or she had a reasonable belief, in the particular circumstances, that there was a legitimate need for the public to have access to the journalistic material.*
6. *Section 33(5): It is a defence where the defendant reasonably believed that the material was previously disclosed for reward and had no reason to believe that the previous disclosure for reward was made without the consent of the individual.*
7. *One example could be commercial pornography. Accordingly, it would not be an offence, whatever the motive of the person in publishing the photograph or film, unless the person has some*

*reason to believe that the person in the image had not consented when the material was published for reward.*

8. *Section 33(8): A person charged with an offence is not to be taken to have disclosed a photograph or film with the intention of causing distress merely because that was a natural and probably consequence of the disclosure.*

***Definitions***

*Definitions of the meaning of "disclose" and "photograph or film" are set out in section 34 and the definitions of "private" and "sexual" are set out at section 35 of the Criminal Justice and Courts Act 2015.*

*The offence is drafted so that it only applies to material which looks photographic and which originates from an original photograph or film recording. This is because the harm intended to be tackled by the offence is the misuse of intimate photographs or films.*

*The offence will still apply to an image which appears photographic and originated from a photograph or film even if the original has been altered in some way or where two or more photographed or filmed images are combined. But the offence does not apply if it is only because of the alteration or combination that the film or photograph has become private and sexual or if the intended victim is only depicted in a sexual way as a result of the alteration or combination. So, for example, a person who has non-consensually disclosed a private and sexual photograph of his or her former partner in order to cause that person*

*distress will not be able to avoid liability for the offence by digitally changing the colour of the intended victim's hair. However, a person who simply transposes the head of a former partner onto a sexual photograph of another person will not commit the offence.*

*Images which are completely computer generated but made to look like a photograph or film will not be covered by the offence.*

*The offence will apply to any kind of disclosure of private sexual photographs or films (assuming that the other criteria in the offence are satisfied). This could include uploading images on the internet, sharing by text or e-mail, or showing someone a physical image. The offence applies equally online and offline and to images which are shared by electronic means or in a more traditional way.*

*To fall within the offence, a photograph or film would have to be private and sexual. This could include an image that depicted an individual's exposed genitals, or a picture of someone who is engaged in sexual behaviour or posing in a sexually provocative way, if what is shown is not of a kind ordinarily seen in public.*

*The offence only makes specific reference to one part of the body - exposed genitals or pubic area - because this part of the body is considered to be so intimate that an image showing it should automatically be regarded as sexual for the purposes of the offence. Photographs or films depicting other types of nakedness would be caught by the offence if they meet the definition of private and sexual.*

## Abbozz ta' Ligi li ntroduca Artikolu 208E f'Malta

Tajjeb li Qorti qabel tanalizza l-fatti ta' dan il-kaz, u wara li ghamlet espozizzjoni dwar kif trattaw dan is-suggett il-Legislaturi Taljani u Inglizia, tara ftit x'ried ihares il-Legislatur Malti meta introduca dan ir-reat fil-Kodici Kriminali li jikkriminalizza r-*revenge porn*[10].

Fl-Abbozz ta' Ligi mressaq mill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Owen Bonnici u moqri għall-ewwel darba fil-Kamra tar-Rapprezentanti fis-Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015 l-Att biex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' jew li huma anċillari għalihom kien qieghed jipproponi li Art 208E jipprovdi:

> *208E. (1) Kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq jew ħsara emozzjonali, jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrapreżentati f'dak ir-ritratt jew film jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien sentejn jew għal multa ta' mhux inqas minn tlett elef euro (3,000) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien.*

[10] *La locuzione inglese revenge porn (anche revenge pornography) può essere tradotta come "vendetta porno" e indica l'attitudine di una persona alla divulgazione in Internet di materiale pornografico, senza il consenso della persona cui il contenuto si riferisce. L'associazione dei termini "vendetta" da un lato e "porno" dall'altro, lascia da subito intendere l'utilizzo distorto che il soggetto fa di fotografie o video compromettenti e ad esplicito contenuto sessuale – di norma – in suo possesso, attraverso l'immissione nel web degli stessi (e dunque alla mercé di un indefinito numero di utenti), di modo che vi sia la diffusione virale di documenti che dovrebbero rimanere strettamente privati. L'effetto che si ottiene è assimilabile ad una violenza psicologica o all'abuso della persona e, proprio per questo motivo, in senso ampio si è parlato anche di "stupro virtuale", ponendo l'una a fianco dell'altra, la lesione della libertà sessuale e quella della libertà di autodeterminazione della persona, le quali vengono trasposte in una dimensione non più reale ma digitale.*

*(2) Persuna ma tinstabx ħatja ta' delitt taħt dan l-artikolu jekk:-*

*(a) tkun żvelat ir-ritratt jew film sesswali lill-persuna jew persuni murija jew impinġija f'dak ir-ritratt jew film; jew*

*(b) l-iżvelar kien meħtieġ sabiex timpedixxi, tikxef jew tinvestiga xi delitt, jew*

*(ċ) sal-limitu li jkun raġonevolment meħtieġ, l-iżvelar ikun awtorizzat minn qorti jew tribunal matul proċedimenti ġudizzjarji:*

*Iżda meta awtorizzazzjoni tiġi hekk mogħtija minn xi qorti jew tribunal, ir-ritratt jew film sesswali għandu, mingħajr dewmien, jiġi ssiġillat mir-reġistratur jew deputat reġistratur ta' dik il-qorti jew tribunal u għandu jkun aċċessibbli biss mill-partijiet fil-kawża jew għar-rappreżentanti legali awtorizzati;*

*(3) F'dan l-artikolu:*

*"żvelar" għandha tiġi interpretati bħala li tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni, id-distribuzzjoni, in-negozju, it-tixrid jew l-użu mhux awtorizzat ta' ritratti u films sesswali privati, b'kull mezz;*

*"privat" għandha tirreferi għal kull ritratt jew film meħud mingħajr il-kunsens jew l- għarfien tal-persuna jew persuni rappreżentati fih, jew għal kull ritratt jew film li qatt ma kien intenzjonat li jkun għal użu pubbliku;*

*"sesswali" għandha tinkludi r- rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti jew mill-pubic area ta' persuna, jew, fil- kaz tas-sess femminil, tas-sider, jew ta' kull kontenut li, meta meħud bħala sħih, persuna raġonevoli tikkunsidra li tkun sesswali minnħabba x-xorta tagħha;*

*"ritratt jew film" tfisser immaġni jew data li ticċaqlaq jew wieqfa, maħżuna b'kull mezz, li tkun tista' tiġi mibdula f'immaġni li ticċaqlaq jew wieqfa.".*

Dan ir-reat kien diskuss fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjonijiet ta' Abbozzi ta' Liġi nhar it-Tlieta 28 ta' Gunju, 2016:

**ONOR. OWEN BONNICI:** Din hija dik li jgħidulha r-*revenge porn* li pajjiżna huwa t-tielet pajjiż fl-Ewropa li issa qed jagħmilha bħala reat għax, sakemm ippreżentajna dan l-Abbozz, kien hemm pajjiż ieħor li ssuperana, però ftit huma l-pajjiżi li għamluha. Qed ngħidu li jekk inti tkun f'relazzjoni – anke jekk ma tkunx, imma normalment meta jkun hemm relazzjonijiet li ma rnexxewx li jsiru dawn l-affarijiet – u forsi f'mument intimu tibgħat ritratt lill-*partner* tiegħek – dejjem nagħti parir biex din ma ssirx, imma hawn min jagħmilha – imbagħad, għax wieħed ikun telaq lill-ieħor, bħala vendetta joqgħod ixerred ir-ritratti lil ħaddieħor. Dak issa sar reat kriminali serju ħafna li, jekk jinstab ħati, wieħed jista' jeħel priġunerija għal żmien sentejn, jew multa ta' mhux inqas minn €3,000 u mhux iktar minn €5,000, jew it-tnejn flimkien.

[…]

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Naħseb li f'dak li jirrigwarda l-iżvelar mhux konsenswali ta' *films* u ritratti privati, tajjeb li nagħmlu ftit distinzjoni bejn xi jkunu r-relazzjonijiet, jiġifieri meta xi ħadd qiegħed joħroġ ir-ritratti biex jagħmel ħsara lil ħaddieħor, imbagħad meta xi ħadd qiegħed jagħmel użu minn dawn ir-ritratti għal rikatti oħrajn. Jien kont tkellimt fuq dan il-punt, jiġifieri li wieħed jagħmel distinzjoni meta jkollok sitwazzjoni ta' *blackmail* ukoll involut, u allura jekk wieħed għandux jagħmel aggravju separat u distint. Jiġifieri, żewġ persuni tal-istess sess jew ta' sess differenti li, biex ipattuha lil xulxin – jew anke jekk mhux neċessarjament biex ipattuha lil xulxin – qed jesponu fil-pubbliku ritratti li huma żvelati fil-privat. Jien qed nara tliet sitwazzjonijiet.

**[…]**

Bażikament, aħna naqblu fiha. Imma, hemm tliet sitwazzjonijiet: l-ewwel, meta xi ħadd jiddivulga fil-pubbliku xi ħaġa li hija privata; it-tieni, meta xi ħadd jagħmilha bi ħsieb biex ipattiha lil xi ħadd għax kellu kwestjoni, biex jagħmillu azzjoni ħażina; it-tielet, fi sfond ta' *blackmail*. Jiġifieri, hemmhekk għandek tliet xenarji ftit differenti. Jekk inti tħoss li f'dan l-istadju huwa prematur, inħalluha kif inhi; però, xtaqt inqajjimha għax naħseb li l-Qorti għandha tagħmel distinzjoni bejn meta jkollok tnejn li huma namrati, wieħed jibgħat ir-ritratti tan-namrata jew tal-ħabib lil ħaddieħor, persuna waħda; jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' kulħadd fuq il-mezzi elettroniċi tal-lum; jew inkella jużaha bħala lieva biex jitlob lil ħaddieħor xi pożizzjoni jew xi flus taħt il-liġi tal-*blackmail*.

Dawn ir-realtajiet ta' nies li jagħmlu dawn l-azzjonijiet lil xulxin diġà missejt magħhom fil-professjoni tiegħi bħala avukat f'dawn l-aħħar snin, u naħseb li hemm għandna nagħmlu distinzjonijiet u aggravji. .

**G**ħax f'artikolu 208E(1), li hemm fi klawsola 6, jingħad hekk: *"Kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq jew ħsara emozzjonali, ..."* Indejqek biss jew nagħmillek ħsara emozzjonali; jiġifieri, jekk irrid nagħmillek ħsara ta' dannu, mhux ħsara emozzjonali biss, intellfek il-post tax-xogħol tiegħek, jew noskurak fil-pubbliku, jew nagħmillek azzjoni għal xi raġuni oħra.

Artikolu 208E(1) ikompli jgħid hekk:

*"... jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak* ir-ritratt jew film, *jeħel ..."*

Il-frażi "mingħajr il-kunsens" hija tajba għax, jekk ikun hemm il-

kunsens, allura qed taċċetta inti, imma għandu jkun hemm element ta' xi ħaġa li turi *mala fede*.

Nagħtu każ jien ma tajtekx il-kunsens għaliha, imma inti għamiltha mingħajr ħsieb ħażin, għamiltha bi żball, allura hawnhekk tiġi li qed tikkawża dwejjaq, qed tikkawża ħsara emozzjonali, però ma kellekx l-intenzjoni la li tikkawża dwejjaq u lanqas li tagħmel ħsara emozzjonali, imma dejjem saret mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna.

**... N**għidlek li tista', u anke ngħidlek għaliex. Għax jista' jkollok sitwazzjonijiet fejn xi ħadd ikollu minn dawn ir-ritratti u bi żball jiddivulgahom. Illum in-nies jagħfsu l-buttuni fuq il-*mobile,* jibagħtu *SMSs* lil min m'għandhomx, jibgħatu *WhatsApp* lil min m'għandhomx, jibgħatu *emails* lil min m'għandhomx, jiġifieri din hija xi ħaġa li tiġri kuljum. Xi ħadd ikellmek fuq xi ħaġa, u minflok tagħfas buttuna ... Jien ġieli nirċievi messaġġi ta' "X" u ta' "Y" li m'għandhomx x'jaqsmu ma' ħajti. Imnalla jien avukat għax għandi s-sigriet professjonali u teliminahom; imma ħaddieħor jista' jagħmel użu minnhom mhux neċessarjament tajjeb. Qed inqajjem dawn l-affarijiet biex is-sistema taħdem tajjeb, għax aħna naqblu ħafna magħha. Anzi, aħna rridu nissalvagwardaw lil dawn in-nies li huma verament vulnerabbli, speċjalment dawk li aħna nsejħu *gay.* Dawk huma l-iktar vulnerabbli għax meta jiġġieldu bejniethom il-ħsara li jkunu jridu jagħmlu lil xulxin hija ferm iktar, biex ngħid hekk, tkun ta' ċertu grad jew superjorità għal dak li jkun hemm bejn tfajla u ġuvni. Ikun hemm ukoll ħmerijiet għax naraw, imma hemm ċertu animu li wieħed irid joqgħod attent għalih. U hawnhekk nixtieq nagħmel distinzjoni, jiġifieri b'liema animu qed issir, u tagħmel sens.

**DR PETER GRECH (Avukat Ġenerali):** Dan ir-reat li qed jiġi introdott huwa reat speċifiku mhux ħażin, fis-sens li l-elementi tiegħu huma l-

intenzjoni li tikkaġuna dwejjaq jew ħsara emozzjonali, jiġifieri s-*circumstantial evidence* trid tindika li dak li jkun mhux kien qed jilgħab bit-*telephone* u kumbinazzjoni dan ir-ritratt spiċċa għand xi ħadd, imma jkun hemm assjem ta' ċirkostanzi li juru li kien hemm animu li lil dak li jkun jikkaġunalu ħsara jew dwejjaq. Ir-ritratt jew *film* irid ikun ta' natura sesswali, u din hija definita wkoll b'mod li ma tinkludix affarijiet li huma tal-ħajja ta' kuljum, għax is-sesswali għandha tinkludi r-rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti, jiġifieri dawn mhux ritratti ...

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Din nifhimha. Fl-2008, kellna każ ta' mara li kienet inġiebet f'ritratt li xejn ma kellha espost, però madwarha kellha arma ta' partit, u kienet tidher b'mod li taħtha ma kellhiex ħwejjeġ. Jiġifieri, ma kienx hemm l-espożizzjoni ta' dik il-persuna, tal-ġenitali tagħha jew tas-sider jew ta' kwalunkwe parti oħra, però kien hemm ċar l-*innuendo* tagħha esposta b'ċertu mod u manjiera li ġabuha f'din is-sitwazzjoni li għamlulha azzjoni ħażina, ġiet divulgata, u sabet lilha nnifisha wkoll fil-gazzetti; f'kelma waħda, kien hemm min għamel xalata minnha. Kif inhi l-liġi, f'dak il-każ dak li jkun ikun għamel l-affarijiet b'mod li ma jaqax neċessarjament fil-liġi, għax hawnhekk id-definizzjoni ta' "sesswali" tinkludi rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti. Mela, jekk ma tesponix il-ġenitali ... (Interruzzjonijiet)

**DR PETER GRECH:** Iktar 'il quddiem imbagħad titwessa' ftit id-definizzjoni … Ma jkoprix kull sitwazzjoni li tista' timbarazza lil dak li jkun u kull *breach of privacy,* imma dan it-tip ta' ritratti u filmati intimi ħafna li ħafna drabi naħseb min qed jeħodhom ma jkunx jaħsibha biżżejjed li jistgħu jispiċċaw f'idejn xi ħadd jew anke *in the public domain* illum. Huwa faċli ħafna.

Dan li qiegħed isir reat, jiġifieri trid l-intenzjoni, trid ċertu tip ta' ritratti li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' ritratti jew *films* sesswali.

Inkwantu għall-*blackmail*, naħseb li dak huwa kopert bir-reat separat ta' *blackmail*, għax il-*blackmail* diġà huwa u ilu reat għal rasu. Jiġifieri, jista' wieħed forsi jiġi mixli taħt iż-żewġ affarijiet minħabba ċirkostanza partikolari, imma *blackmail* hu u ilu reat stabbilit mill-antik.

## L-emendi tal-2018[11]

L-artikolu 208E inħass il-bzonn li jkun emendat fejn anke zdiedet il-piena[12] fejn (i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem:

"*għal żmien sentejn jew multa ta' mhux inqas minn tlett elef euro (€3,000) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)*" għandhom jidħlu l-kliem "*għal ħames snin jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux iżjed minn tmint elef euro (€8,000)*";

(ii) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem

"*meħud mingħajr il-kunsens jew l-għarfien tal-persuna jew persuni rappreżentati fih, jew għal kull ritratt jew film*" għandhom jitħassru;

## L-Emendi tal-2019[13]

L-artikolu 208E tal-Kodiċi kien emendat kif ġej:

[11] ATT Nru XIII tal-2018 li dahal fis-sehh fit-30 ta' April, 2018

[12] Ghalhekk din il-kawza qeghda tinstema' minn din il-Qorti u mhux kif originarjament kienet ssenjata fis-seduta tad-Distrett li l-piena passim li titratta dik il-Qorti hi sa sentejn prigunerija.

[13] ATT Nru XXIV tal-2019 - ATT li jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, u l-**Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika**, Kap. 581. Dahal fis-sehh fid-19 ta' Lulju 2019

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita kif ġej:

"**Teħid jew żvelar mhux konsenswali ta' films u ritratti sesswali privati**.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "*jew ħsara ta' kull xorta,*" għandhom jiżdiedu l-kliem "*jieħu jew*";

(ċ) fis-subartikolu (2)(a) tiegħu, minnufih qabel il-kliem "*tkun żvelat*" għandhom jidħlu l-kliem "*f'każ illi tkun ħadet irritratt jew film sesswali bil-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film,*"; u

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "*F'dan l-artikolu*:" għandha tiżdied it-tifsira li ġejja: " "*teħid*" *għandha tirreferi għat-teħid mhux awtorizzat ta' ritratti u films sesswali privati, b'kull mezz;*".

## RIZULTANZI

F'dan il-kaz baqghu ma ngabux provi minn liema IP address u min kien il-persuna li kellu u xerred ir-ritratti in kwistjoni u l-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha biss fuq id-dikjarazzjonijiet tal-*parte civile* meta hija kienet marbuta li iggib l-ahjar prova.

Fost in-nuqqasijiet li sabet din il-Qorti f'dan il-process hemm:

- Ritratti mhux esebiti u lanqas ikkonfermati mill-*parte civile* fejn mistoqsija mill-Qorti wiegbet li m'ghandiex fejn ddeskriviet li f'wiehed mir-ritratti kienet minduda jidher daharha biss

- Ritratt parti minn pagna mehudha minn *social networking* esebit mill-ispettur ma kienx konfermat mill-*parte civile*, liema ritratt

juri parti genitali ta' ragel b'zewg swaba forma ta' V u tidher biss ghajn ta' tfajla.

- Kollha xhieda detto del detto jew dak li qalilha bil-fomm Omissis, x'qalilha Omissis u x'qalilha Omissis .

- Is-surgent xehed li r-ritratti rahom fuq mobile. La ttiehed il-*mobile phone* fejn ra r-ritratti biex ikunu analizzati mis-*cybercrime unit* u jesebixxu rapport u jkunu esebiti fil-kawza u jintalab biex jinhatar espert.

**<u>Il-periklu tas-*social network*</u>**

Bħal ħafna għodod, is-*social networks* jistgħu jkunu t'għajnuna jew ta' periklu. Hemm min jużawhom biex iżommu kuntatt mal-familja u l-ħbieb. Imma hemm min juza s-*social networks* b'mod ħażin. Dan jista' jwassal biex inħassru r-reputazzjoni tagħna u nitilfu l-ħbiberija u jitkissru r-relazzjonijiet. Persuna tista' titħajjar tippowstja fuq is-*social network* ritratti jew kummenti li ma jkunux xierqa, li jkissru r-relazzjonijiet.

Il-Qorti mhux l-interess taghha li tidhol x'jigri fil-hajja privata tal-individwi u t-tip ta' ghazliet li jaghmlu fil-hajja privata taghhom. Izda jidher car li hemm bzonn ta' aktar kampanji edukattivi mhux biss kif jintuzaw il-mezzi socjali ta' komunikazzjoni izda ukoll x'konsegwenzi jista' jkun hemm minn ghazliet li jsiru fil-hajja privata

u b'xi mod jitpercu fil-pubbliku jew b'vendetta, jew biex jinku jew inkella ghal ftahir. Ritratt intimu x'hin jitlaq darba minn idejn il-persuna fuq xi mezz ta' komunikazzjoni anke fil-privat, jista' jispicca mferrex mal-erbat'irjihat tad-dinja b'konsegwenzi tragici bhal kaz irrapurtat aktar 'l fuq li wassal ghall-introduzzjoni tar-reat tar-revenge porn fil-Kodici Penali Taljan.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah.

**Il-Qorti tordna divjett fuq l-ismijiet kollha li xehdu u ssemmew f'dan il-kaz u dan biex tkun protetta l-identita' tal-parte civile.**

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**